**Laqgħa Numru 79**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**25 ta' Ġunju 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-11.30 ta' filgħodu.

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**79.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

79.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

79.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 77 li saru nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2018 u l-minuti tal-laqgħat b'urġenza 78 u 79 li saru fid-29 ta' Mejju 2018 u 4 ta' Ġunju 2018 rispettivament ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

79.3.1 Is-Sindku kkomunika li ż-żjara tad-delegazzjoni fix-Xewkija bejn it-22 ta' Ġunju 2018 u l-25 ta' Ġunju 2018 kienet ta' suċċess hekk kif deher ċar li dawn ħadu gost li kienu hawn preżenti fostna għall-festa ta' San Ġwann.

79.3.2 Is-Sindku rrefera għall-Memorandum of Understanding fuq l-*Open Gym* li kien qed jiġi ffinalizzat min-naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u jidher li fil-jiem li ġejjien kien se jiġi ffirmat.

79.3.3 Is-Sindku rrefferra għall-Kunsill il-Ġdid fejn informa lil membri li l-mastrudaxxa kien ġar ħafna mill-għamara. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk kellhix f'idejha l-kwotazzjonijiet kollha. Is-Segretarju nfurmat lil membri tal-Kunsill li kienet għadha qed tistenna dawn il-kwotazzjonijiet.

79.3.4 Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill rigward it-trakkijiet li qed jgħaddu minn Triq L-Indipendenza għall-Pjazza u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lis-Supretendent biex tittieħed azzjoni mmedjata. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

79.3.5 Is-Sindku nforma lill- membri tal-Kunsill li kien akkumpanja lil Perit Edward Scerri fil-*Playing Field* f'Tal-Ħamrija biex jara l-post qabel ma jibda jaħdem fuq ir-*Restructuring* ta' dan il-*Playing Field.*

79.3.6 Is-Sindku rreffera għall-area fejn Ġnien Il-Ħaddiem fejn hu ta' l-opinjoni li jsir *traffic management* peress li m'hemmx anqas sinjali tat-toroq. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan. Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tkellem lil Perit Shawn Micallef rigward dan it-*traffic management.*

79.3.7 B'referenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assistent Direttur is-Sur Lorry Apap dwar suġġerimenti għall-toroq residenzjali li possibilment jistgħu jiġu kkunsidrati min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex għar-*resurfacing,* is-Sindku kkommunika li hu kien jaħseb li l-Kunsill kellhu jissuġerriexxi b'ordni ta' preċedenza Triq Santa Eliżabetta, Triq Santa Marija, Triq Il-Kbira u Triq San Pupulju. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' dan. Fl-istess risposta għall-imejl li kellha tintbagħat, kellhu jiġi mfakkar ukoll li hemm toroq li jaqgħu taħt il-Gvern Ċentrali li għadhom torba fosthom Triq Gorġun, Triq Barieri, Triq L-Arċipret Ġużepp Grech u Triq Gidi.

**79.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

79.4.1 Il-Kunsillier George Żammit talab biex is-Segretarju Eżekuttiv iċċekkja mal-MaryGold Foundation biex fejn nistgħu nkunu ta' għajnuna għal din l-assoċjazzjoni meta jkunu se jtellgħu attivitajiet f'Ghawdex.

79.4.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex isir patching fl-area tal-Ġokk. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

79.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex jinqata' mmedjatament il-ħaxix mill-*area* tal-Barmil.

**79.5 Evviva Wine Festival**

79.5.1 Is-Sindku kkomunika li l-preparamenti għall-Wine Festival kienu kważi kollha lesta. Ġnien Blankas kienet ġiet imnaddaf. Kiener saret talba biex jinqata' l-ħaxix u jinbew xi ħitan tas-sejjieħ min-naħa tal-Ministeru. Il-Kunsillier Hubert Saliba talab li titnaddaf l-parti ta barra tal-Ġnien Blankas u l-parti tal-Loġġa.

79.5.2 It-tazzi ta' l-inbid kienu qed jiġu pprintjati bil-kliem Evviva Wine Festiva u l-prezz ta' kull tazza kellhu jkun €10.

79.5.3 Is-Sindku wera x-xewqa li jinkludi lil Kumitati tal-Festa biex dawn jarmaw stand ibiegħu l-luminata biss. Dawn kellhom jaħsbu biex jipprovdu mwejjed twal huma stess. Kellhu jkun hemm stand ta' l-ikel minn Ta' Mena fejn dan kellhu jħallas il-prezz ta' €300. Ta' Mena kellhu jaħseb għall-imwejjed u siġġijiet hu stess. Kellhu jkun hemm stand ta' ħelu tradizzjonali minn Agius Confectionary. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill li peress li din l-istand ħa tkun fuq skala iżgħar il-prezz li kellhom iħallsu kien ta' €150. L-istess ammont kellhu jiġi mħallas mill-Kumitat tal-Festi dejjem jekk dawn jaqblu li jarmaw bi stand tal-luminata.

79.5.4 Is-Segretarju kellhu tiċċekja rigward *fridges* li kien hemm bżonn biex l-inbid jinżamm kiesaħ.

79.5.5 Il-Kunsill Hubert Saliba ssuġġerriexxa li jkun hemm hemm attrazzjoni għat-tfal,. Il-membri tal-Kunsill qablu li kellhu jkun hemm xi ħadd għall-*face painting* u *balloons making.*

**79.6 Fior D'Argenta**

79.6.1 Is-Sindku kkomunika li kellhom jibdew għaddejjin il-preparamenti fuq Fior D'Argenta li ta' kull sena jiġi mfakkar fuq jumejn; it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018 fejn fit-28 ta' Awwissu jsir l-avveniment *Giochi-It's a Knockout.* Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibet l-attenzjoni għall-fatt li dan l-avveniment mhux qed ikollhu attendenza tajba waqt li l-Kunsilliera Jeanelle Attard stqarret li ta' kull sena kien qed issir aktar diffiċli biex isibu parteċipazzjoni mill-għaqdiet tar-raħal. Kien għalhekk unanimament deċiż mill-membri tal-Kunsill li din is-sena Fior D'Argenta għandha ssir f'nhar il-festa tal-Qtugħ Ir-Ras ta' San Ġwann jiġifieri fid-29 ta' Awwissu biss. Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tinforma minnufih lill-organizzatru tal-*Giochi- It's a Knockout* u timxi fuq il-programm li kien hemm is-sena l-oħra għad-29 ta' Awwissu.

79.6.2 Il-Kunsiller Jeanelle Attard staqsiet għalfejn il-marċ li kien isir minn fejn il-Każin tal-Banda inqata'. Tqajjem ukoll il-punt jekk ix-xogħoljiet fil-Pjazza ħa jkunux bdew għax jekk iva, dan l-avveniment kellhu jittella' f'post alternativ.

**79.7 Rapporti:**

79.7.1 **Management Letter u Risposta.** Il-*Management Letter* u r-Risposta tqassmu lil membri tal-Kunsill u ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

79.7.2 **Quartely Report Jan-Marzu 2018.** Ir-rapport finanzjarju (Jannar-Marzu 2017) ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv**.**

**79.8 Korrispondenza u Materji Oħra**

79.8.1 Imejl mingħand is-Sur Rueben Said mit-Transport Malta fejn b'referenza għat-talba mill-Kunsill Lokali biex isir *Traffic Management* fi Triq l-Indipendenza, Transport Malta infurmat lil Kunsill li dan għandu jiġi ppreparat minn perit imqabbad mill-Kunsill u imbagħad tiġi evalwata minn Transport Malta. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandhom jieħdu l-opinjoni tar-Residenti qabel imexxu b'dan it-*Traffic Management.*

79.8.2 Ċirkulari numru 2018/058 – Stqarrija għall-istampa 31/05/2018 fejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali talbet għal aktar rispett lejn il-kariga ta' Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera.

79.8.3 Ċirkulari numru SPI 7/2018 – Regolament Ġenerali ġodda dwar il-Protezzjoni tad-Data.

79.8.4 Ċirkulari numru AKL 2018/059 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 7 li nżammet il-Ħamis 19 t'April 2018.

79.8.5 Imejl mibgħutha mis-Segretarja Eżekuttiva fejn talbet lill-Perit Edward Scerri jekk huwiex interessat li jaħdem fuq restructuring tal-Playing Field fi Triq tal-Ħamrija wara li l-membri tal-Kunsill qablu li jqabdu lilu.

79.8.6 Ċirkulari IPS Numru 3/2018 - Summer Work Placements fis-settur pubbliku għall-istudenti Universitary tat-tielet u r-raba' sena.

79.8.7 Ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali biex jinforma li s-sejħa għal fond taħt il-Connecting Europe Facility-Telecom-Wifi4EU-FREEWiFi For Europeans hija miftuħa.

79.8.8 Ittra mingħand il-Planning Authority fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Awtorita tal-Ippjanar ħarġet Avviż ta' Infurzar f'residenza fi Triq l-Imġarr ix-Xewkija.

79.8.9 Ittra mingħand il-Planning Authority fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi mehuda fil-15 ta' Mejju 2018, ix-shelter għandu jiġi trasferit lill-Kunsill.

79.8.10 Imejl mingħand Camilleri Catherine mill-ERA dwar attivita, Malta Bat Night, b'kollaborazzjoni bejn l-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi u Heritage Malta, nhar il-Ġimgħa 6 ta' Lulju.

79.8.11 Ċirkulari AKL 2018/069 – Stedina għall-BBQ f'Għeluq il-25 sena ta' Gvern Lokali

79.8.12 Imejl mingħand Lorry Apap fejn qal li għal darba oħra l-Ministeru għal Għawdex qed jerġa jitlob lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex sabiex jagħmlu suġġerimenti għal toroq residenzjali li possibilment jistgħu jiġu kkunsidrati għall-2019.

79.8.13 Ċirkulari AKL 2018/066 – Stqarrija għall-istampa li ntbagħtet mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali wara ftehim iffirmat bejn l-Assoċjazzjoni, d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u Idea Leadership and Management Institute.

79.8.14 Imejl mingħand is-Sur Charles Borg għan-nom tal-Kumitati tal-Festa fejn talab l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill Lokali biex jintrama Screen u Sound biex jintwera l-feature is-Sibt lejliet il-Festa.

**79.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

79.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**79.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

79.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-1.45pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' Lulju 2018 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **25 ta' Lulju 2018**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |